MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 182/1992/1

**Joseph Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tessons Limited**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1.1 Ir-rikorrent nomine talab ir-rilaxx ta` merkanzija li nqabdet mill-Kontrollur tad-Dwana b'nota ta` qbid numru 6/1992 datata 17 ta` Jannar 1992, ghaliex skond l-intimat din il-merkanzija li allegatament kienet tikkonsisti

f'kunsinja ta` *chopped ham in square tins* kienet giet importata bi ksur ta` l-Artikolu 60(k) u l-Artikolu 62 (h) u (i) ta` l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37). Ir-rikorrent nomine kien inizjalment oggezzjona ghal tali qbid permezz ta` ittra datata 4 ta` Frar 1992 (Dok B) ghaliex sostna li din il-merkanzija, konsistenti f'900 kaxxa chopped ham, kienet giet importata validament u skond il-licenzja moghtija lilu u sussegwentement intavola l-kawza in ezami a bazi tal-Kap 37.

1.2 Jigi qabel xejn kjarifikat illi mhux il-merkanzija kollha impurtata f'dik il-kunsinna giet maqbuda, izda biss kwantita` zghira li kienet ghadha fil-pussess tar-rikorrent nomine fl-imhazen tas-socjeta`. Infatti, gew konfiskati biss 24 kartuna fl-4 ta` Novembru 1991 (Dok FGC 1 a fol. 166). Mill-atti jirrizulta li din il-merkanzija kienet waslet Malta fit-18 ta` Ottubru 1991 u giet rilaxxata ftit granet wara fit-23 ta` Ottubru, skond il-licenzja numru 062430[1]. Wara li l-merkanzija giet mahtuta fl-imhazen tas-socjeta` rikorrenti u anke inbieghet fil-maggior parti taghha, kien sar il-qbid tal-kwantita` li kien ghad baqa` fl-4 ta` Novembru wara li Joseph Pirotta, ufficjal tad-Dipartiment ta` l-Agrikoltura, ghamel entry fuq id-Duty Entry tad-dwana, Dok JC380[2] li l-prodott kien "not approved for release."

1.3 Dan il-qbid sehh wara r-rilaxx tal-merkanzija u wara li kien thallas id-dazju mis-socjeta` rikorrenti peress li persuna fin-negozju tal-perzut kien ha kampjun tal-prodott (li kien gie impurtat mis-socjeta` rikorrenti bhala *chopped ham*, u ghalhekk skond il-licenzja) lid-Direttur ta` l-Agrikoltura, u insista li ssir analizi peress li kien perzut, u mhux "chopped ham", li kien qed jinbiegh lill-hwienet. Id-Dipartiment kien ghalhekk ghamel ezami fuq il-kampjun u informa lid-Dwana bir-rizultanzi u li min-naha taghhom baghtu ufficjali taghhom ghand is-socjeta` rikorrenti biex jiehdu kampjun tal-prodott. Meta dawn iz-zewg kampjuni qablu, id-Dwana ordnat il-qbid tal-prodott in kwistjoni peress illi s-socjeta` rikorrenti kellha l-permess timporta *chopped ham "for catering use only"* (Dok JC380 fol 65

[1] fol 68
[2] fol 65

tergo) u mhux perzut, li l-importazzjoni tieghu, dak iz-zmien, kienet ristretta.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

2.1 B’sentenza tas-26 ta` Gunju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u ordnat ir-rilaxx tal-merkanzija u dan ghas-segwenti ragunijiet –

i) Preliminarjament in-Nota ta` Qbid hija manifestament zbaljata ghaliex tindika 900 kartuna meta fil-fatt inqabdu 24 u ziedet li “ghalhekk fir-rigward tal-kartun in eccess ta` l-ammont effettivament maqbud mill-intimat, tali Nota ta` Qbid hija nulla u bla effett, stante li l-intimat qatt ma gie u qatt ma ha pussess ta` l-istess cartons.”

ii) Illi ghalkemm l-intimat Kontrollur tal-Dwana eccepixxa li l-licenzja nharget soggetta ghall-kundizzjoni li dawn l-oggetti ikunu *for catering purposes only* huwa ma gab l-ebda prova li r-rikorrent noe ma ghamilx uzu mill-istess prodott skond il-permess. Anzi l-istess intimat ma kkontradixxiex ix-xiehda tar-rikorrent li l-merkanzija in kwistjoni giet mibjugha lill-catering establishments bhal lukandi u restaurants. Dan in-nuqqas da parti ta` l-intimat li jipprova l-allegazzjoni minnu vantata huwa fatali fid-dawl ta` l-artikolu 560 tal-Kap 12 li jirrikjedi li l-parti ggib l-ahjar prova biex issotni l-allegazzjoni taghha u l-artikolu 77 tal-Kap 37 li jisposta l-oneru tal-prova fuq il-persuna li tkun ghamlet l-allegazzjoni, f’dan il-kaz li l-oggetti ma gewx utilizzati ghal skopijiet ta` catering.

iii) Illi dak allegat li sar mis-socjeta` rikorrenti kontra d-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 60(k) u 62 (h) u (i) tal-Kap 37 lanqas gie ippruvat stante li ma jirrizultax li hemm xi prova li r-rikorrent nomine xjentement ipprova jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom kienet limitata jew li b’xi mod ipprova jevadi d-dazju.

iv) Il-fatt li saret kawza mis-socjeta` rikorrenti kontra l-intimat ghall-valur tal-merkanzija mhux ta` ostakolu ghad-decizjoni tal-pendenza stante li din ma tikkostitwixxix *litis pendentia* ai termini tal-ligi.

**<u>L-APPELL TA’ L-INTIMAT KONTROLLUR TAD-DWANA</u>**

3. L-intimat Kontrollur tad-Dwana hassu aggravat b’din id-decizjoni u interpona appell minnha bazikament ghas-segwenti ragunijiet –

(1) Fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti irriferiet ghax-xiehda ta` John Muscat, u aktar tard qalet li dan ma tressaqx jixhed. Dan huwa zball li incida fuq id-decizjoni finali ta` l-ewwel Qorti.

(2) L-ewwel Qorti ikkummentat li l-appellant ma pprovax li l-oggetti nbieghu fil-hwienet u mhux f’catering establishments bi ksur tal-licenzja ta` importazzjoni. Jillanjaw li l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti lil Artikolu 77 tal-Kap. 37 hija zbaljata peress li dan l-artikolu jitfa’ l-oneru tal-prova fuq min jaghmel it-talba tar-rilaxx – hu dan li jrid jipprova li l-oggetti dehlin Malta skond il-ligi u mhux min jallega li l-oggett dahal Malta b’mod illegali. Jispjega li l-legislatur fl-Ordinanza ikkreja proceduri specjali li jaghtu poteri doganali kbar biex jibbilancjaw l-impossibilita` li jsir tiftix u ricerki fuq kull importazzjoni li ssir. B’hekk biex il-Qorti tilqa` t-talba u tordna li jsir ir-rilaxx iridu jingiebu provi cari li juru li l-oggetti gew impurtati legalment.

L-intimat jelabora li huwa gab prova biex isostni l-eccezzjoni tieghu li kien hemm ksur tal-licenzja peress li l-prodott inbiegh fil-hwienet. Jispjega li Franco Serracino Inglott u Anthony Gruppetta xehdu li John Muscat kien mar id-dipartiment u qalilhom li l-prodott qed jinbiegh fil-hwienet. Jillanja li dawn ix-xhieda semghu dan il-kliem u John Muscat innifsu kkonferma li hu mar id-Dipartiment ghand id-Direttur bil-prodott u b’hekk din ix-xiehda mhix <u>hearsay</u> kif qalet il-Qorti. Apparti dan huwa jzid li l-<u>hearsay</u> ma ghandux jigi skartat bilfors izda l-Qorti ghandha tevalwa l-provi fl-assjem taghhom. Inoltre r-rikorrent stess xehed li meta sar il-qbid hu gie infurmat li l-konfiska kienet qed issir minhabba ksur tal-licenzja ta` l-importazzjoni.

Jissottometti li l-ksur ta` licenzja jista` jsir anke b’dikjarazzjoni skoretta ghaliex licenzja hija valida

sakemm l-oggett impurtat ikun dak iddikjarat, u d-Dipartiment gab prova li l-prodott impurtat kien gie dikjarat fl-applikazzjoni ghal-licenzja u fid-dokumenti ta` l-importazzjoni bhala chopped ham meta kien pressed ham. Jissottometti li huwa veru li fir-risposta din ir-raguni ma ssemmietx izda fi proceduri simili l-Qorti ghandha tordna r-rilaxx biss jekk wara li tapprezza l-provi jidrilha li l-prodott dahal Malta skond il-ligi. Ghalhekk, li kieku kellu jigi deciz li l-intimat ma ppruvax l-eccezzjoni tieghu jirrizulta xorta li l-kundizzjoni tal-licenzja kienet miksura peress li l-prodott impurtat ma kienx dak dikjarat - dan anke jekk tali eccezzjoni ma gietx formalment eccepita. Inoltre, r-rikorrent fl-ebda hin ma pprova li l-prodott kien dak dikjarat jew li nbiegh f'"catering establishments".

(3) Jillanja li fil-ligi doganali gie accettat il-principju ta` l-izball manifest fejn ikun hemm differenza bejn id-Dwana u l-importatur dwar l-evalwazzjoni teknika jew xjentifika ta` prodott (Artikolu 20A tal-Kap. 37). L-izball manifest ma japplikax f'cirkostanzi fejn l-importatur ma jaqbilx ma` decizjoni tal-Kontrollur jew meta l-importatur ma jaqbilx mal-klassifikazzjoni maghmula minnu. Inoltre, ghalkemm tali principju gie kodifikat biss recentement din hija l-unika regola li setghet qatt tigi applikata biex tirrisolvi sitwazzjonijiet simili. Skond dan il-principju l-Qrati ma jbiddlux l-evalwazzjoni teknika maghmula mill-awtorita` pubblika sakemm din ma tkunx affetta minn zball manifest. F'dan il-kaz ma saret l-ebda prova mill-importatur dwar xi zball manifest li seta' sar mid-Dwana.

(4) Jghid li l-ewwel Qorti strahet hafna fuq ix-xiehda ta` Joseph Ellul Sullivan u skartat ix-xhieda prodotti minnu. Itenni li s-socjeta` kellha ggib il-prova li l-prodott inbiegh lill-"catering establishments" izda dan ma ghamlitux. Sullivan qal biss li l-prodott inbiegh lill-"catering establishments" izda xehed li d-dokumentazzjoni kienet giet distrutta ghaliex is-socjeta` zzomm il-karti ghal zmien sentejn. L-intimat jikkummenta li l-oggetti gew impurtati fit-22 ta` Ottubru u l-elevazzjoni saret fl-4 ta` Novembru, ir-rikors imbaghad gie intavolat fit-18 ta` Frar 1992 – b'hekk hija haga certa li kumpannija tad-daqs tas-socjeta` kienet se zzomm id-dokumenti meta kellha kwistjoni ma`

awtorita`, aktar u aktar meta si tratta ta` perjodu qasir ta` 4 xhur.

Ellul Sullivan xehed li mir-registri tal-kumpannija ma rrizultax lil min bieghu l-merkanzija u dan meta l-ligi tobbliga lill-kumpaniji jzommu dettalji ta` transazzjonijiet taghhom. Ir-rikorrent nomine l-ewwel xehed li huma jarmu l-karti wara sentejn u li b'hekk ma jafx lil min bieghhom (fol. 59-60), imbaghad jghid li nbieghet lil klijenti stabbiliti – izda ma gabx prova ta` dan u lanqas semma' min kienu dawn il-klijenti. Inoltre, l-ewwel xehed li d-Dwana talbuh id-dokumenti u hu tahomlhom, imbaghad qal li d-Dwana ma talbuhx dokumenti dwar il-kaz.

(5) Jissottometti li erronjament l-ewwel Qorti donnha stenniet il-prova rikjesta fi proceduri kriminali. Ix-xhud Dr. Gruppetta xehed li sar test fuq il-kampjun migjub minn Muscat u fuq dak elevat mill-ufficjali tad-Dwana minghand l-importatur. Dan jinsab korroborat mir-rikorrent stess li xehed li ufficjali tad-Dwana kienu hadu kampjun.

(6) L-appellant jghid li l-fatt li n-Nota ta` Qbid tirreferi ghal 900 cartons meta fil-fatt inqabdu inqas ma jfissirx li din harget hazin izda li r-rikorrenti tista` titlob lura il-kwantita` li nqabdet. Id-dwana mxiet mal-ligi u qabdet il-merkanzija kollha dikjarata fid-dokumenti – li kieku taqbad biss parti mill-merkanzija tkun qed tiddikjara li parti mill-merkanzija biss dahlet Malta b'mod irregolari.

(7) Finalment jirrileva li fir-risposta huwa kien qajjem il-punt li diga` kien hemm proceduri kontrih ghar-rifuzjoni tal-valur fi flus ta` l-oggetti mertu tal-kawza odjerna, li gew decizi favurih. Jinsisti li ma jistax ikun hemm zewg proceduri fejn f'wahda jintalab il-valur u fl-ohra r-rifuzjoni ta` l-oggetti ghaliex f'kaz li jigu milqugha z-zewg talbiet l-intimat ikun qed jirrepeti r-rilaxx darbtejn.

## RISPOSTA TAR-RIKORRENT NOMINE APPELLAT

4. Minn ezami ta` l-atti fil-process ma jirrizultax li s-socjeta` appellata pprezentat risposta ta` l-appell

ghalkemm Joseph Ellul Sullivan gie notifikat fit-18 ta` Lulju, 2002.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5.1 Minn ezami tar-rikors ta` l-appell ta` l-appellant Kontrollur tad-Dwana jirrizulta li l-lanjanzi tieghu jikkoncernaw primarjament l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti minn dik il-Qorti u l-interpretazzjoni moghtija minnha ta` l-Artikolu 77 tal-Kap. 37, liema artikolu jitratta l-oneru tal-prova f'kaz ta` kuntrabandu.

5.2 L-appellat nomine kien intavola r-rikors promotorju a bazi ta` l-Artikolu 73 tal-Kap. 37, wara li merkanzija impurtata mis-socjeta` Tessons Limited kienet giet konfiskata mill-imhazen ta` l-istess socjeta` b'Nota ta` Qbid datata 17 ta` Jannar 1992 li kienet tispecifika li din il-konfiska saret ghaliex tali oggetti gew importati f'Malta "bi ksur ta` l-Artikolu 60 (k) u l-Artikolu 62 (h) u (i) ta` l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37." Fuq l-istess Nota ta` Qbid, esebita a fol. 5 tal-process, jirrizulta li kien thallas dazju ta` LM147 skond id-"duty entry numru" 02110137.

5.3 Ir-rikorrent noe dejjem sostna illi l-merkanzija maqbuda kienet giet impurtata minnu legalment u skond il-licenzja li kienet harget favurih fit-26 ta` Lulju 1991[3] bin-numru 062430 u ghab-bazi tal-invoice datata 7 ta` Ottubru 1991, u b'hekk gew istitwiti l-proceduri odjerni skond l-Artikolu 73 ta` l-Ordinanza. Min-naha tieghu l-appellant odjern fir-risposta tieghu eccepixxa li l-licenzja mahruga favur ir-rikorrent nomine kienet biex igib l-oggetti in kwistjoni for "catering purposes" filwaqt li nstab li tali oggetti kienu qed jinbieghu fil-hwienet bi ksur tal-licenzja ta` importazzjoni.

5.4 Ghal dawn il-proceduri kellu japplika l-Artikolu 77 ta` l-istess Ordinanza dwar l-oneru tal-prova illi jipprovdi hekk –

---

[3] fol 68

“ Jekk meta jigu mitluba lura oggetti, maqbuda minhabba nuqqas ta` hlas ta` dazju, jew ghal raguni ohra li ggib maghha l-konfiska, inkella fi procedimenti ghall-gbir ta` xi piena ta` flus jew xort’ohra skond din l-Ordinanza tinqala` kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oggetti kienx gie mhallas, jew jekk dawk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skond il-ligi, jew dwar il-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti, f’kull wiehed minn dawn il-kazijiet il-prova tieghu tmiss lill-persuna li taghmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tieghu jsir dak il-procediment, skond il-kaz.”

5.5 L-ewwel Qorti rriteniet li dan l-artikolu kien ipoggi “l-oneru ta` prova fuq il-persuna li tkun ghamlet l-allegazzjoni, f’dan il-kaz li l-oggetti de quo importati ma giex (sic) utilizzati ghal skopijiet ta` catering, u dan ma huwa xejn hlief applikazzjoni tal-principju generali tal-ligi f’materja ta` procedura li min jallega jrid jipprova sancit anke fl-Artikolu 562 tal-Kap. 12.”

5.6 Il-Kontrollur tad-Dwana jillanja li l-interpretazzjoni ta` dan l-artikolu mill-Qorti hija zbaljata peress li dan l-artikolu jitfa’ l-oneru tal-prova fuq min jaghmel it-talba tar-rilaxx. Skond l-appellant, hu dan li ghandu jipprova li l-oggetti kienu dahlu Malta skond il-ligi u mhux min jallega li l-merkanzija dahlet b’mod illegali. Jispjega li l-legislatur fl-Ordinanza kkreja poteri kbar biex jibbilancjaw l-impossibilita` li jsir tiftix u ricerki fuq kull importazzjoni li ssir.

5.7 Fil-fehma tal-Qorti, dan il-gravam ta` l-appellant huwa gustifikat. In forza ta` l-Artikolu 77 ta` l-Ordinanza l-legislatur jisposta l-oneru tal-prova billi jitfghu fuq min jallega li l-merkanzija dahlet legalment u skond il-licenzja ta’ l-importazzjoni. Ai termini ta` dan l-artikolu meta, fi proceduri fejn jigi mitlub ir-rilaxx ta` merkanzija maqbuda minhabba nuqqas ta` hlas ta` dazju, jew ghal raguni ohra li ggib maghha l-konfiska, tqum il-kwistjoni jekk dawn l-oggetti gewx impurtati skond il-ligi, il-prova tmiss lill-persuna li taghmel it-talba[4]. L-appellat nomine jinsisti li

[4] Patrick Said pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana - PA 13/2/2004 Cit nru – 105/1992; Il-Pulizija vs J. Grech Sant Appell Kriminali deciz 4/2/1994

huwa importa l-merkanzija legalment u skond il-licenzja mahruga lis-socjeta`, liema licenzja kienet tkopri biss "chopped ham/chopped pork/chopped ham and pork"[5] u liema merkanzija thalliet tohrog mid-dwana bil-kundizzjoni li l-prodott impurtat kien se jinbiegh "for catering use only"[6], u ghalhekk s-socjeta` rikorrenti kienet fid-dmir li tipprova anke dan. L-importatur huwa obbligat li josserva l-kundizzjonijiet kollha imposti fuqu biex tigi rilaxxata l-merkanzija. Jekk dan ma jsirx tkun applikabbli l-konfiska tal-merkanzija ghaliex il-merkanzija fl-istat li waslet ma tkunx skond il-licenzja moghtija. Is-socjeta` importatrici kienet obbligata li f'kaz ta` dubju jew konflitt dwar in-natura ta` l-oggett minnha impurtat tipprova li n-natura tal-prodotti minnha impurtati jaqghu taht dak minnha deskritt fid-dokumenti tad-dwana – ghaliex il-licenzja tkopri biss il-merkanzija impurtata sakemm l-oggett li jigi impurtat huwa dak iddikjarat. Qabel ma laqghet it-talba odjerna l-ewwel Qorti kellha tkun sodisfatta li ngiebu provi mir-rikorrent nomine li tali merkanzija tabilhaqq giet impurtata legalment.

5.8 Minn ezami tad-dokumenti esebiti jidher li s-socjeta` rikorrenti kienet ghamlet applikazzjoni fit-23 ta` Lulju 1991 biex timporta "chopped ham/chopped pork/chopped ham and pork" u li din il-licenzja giet approvata fis-26 ta` Lulju 1991, u kienet valida sad-29 ta` Frar, 1992[7]. Minn ezami tad-Dok JC380 (a fol. 165) jidher li fil-21 ta` Ottubru 1991, il-merkanzija waslet Malta u kienet tikkonsisti f` "900 ctns chopped ham in square tins 6x6lbs" bil-kodici numru 1602.41.00. li kellha tigi u in effetti giet destuffed fl-istores tas-socjeta`, f'Tal-Handaq Road, Qormi. Wara li giet ivverifikata din il-merkanzija u thallas ukoll dwarha d-dazju ta` Lm147, il-merkanzija giet rilaxxjata mid-Dwana fit-22 ta` Ottubru 1991, bin-notament "for catering use only." Mid-dokumentazzjoni ghalhekk jidher li sa hawn il-procedura rikjesta kienet giet segwita. Wara r-rilaxx, izda, giet ordnata l-konfiska tal-merkanzija. Effettivament jirrizulta li giet ikkonfiskata l-merkanzija kollha li kienet ghadha fil-pussess tas-socjeta` rikorrenti fl-4 ta`

[5] fol 68
[6] Dok JC380 a fol 65 tergo
[7] fol 68

Novembru u dan wara notament ta` Joseph Pirotta, ufficjal tad-Dipartiment ta` l-Agrikoltura li kien jghid "not approved for release".[8] Dan sar ghaliex, wara ezami li sar fuq kampjun mill-merkanzija de quo, kien instab li l-prodott ma kienx jaqa` taht il-klassifikazzjoni ta` "chopped ham" izda kien gie kklasifikat bhala "pressed ham" mid-Dipartiment ta` l-Agrikoltura. Konsegwentement kien gie impurtat lokalment kontra l-ligi peress li l-importazzjoni tal-perzut dak iz-zmien kienet ristretta. Inoltre, skond id-Dipartiment, il-merkanzija ma kinitx qeghda titqassam lil "catering establishments", kif gie stipulat fid-"duty entry", izda lil hwienet.

5.9 Is-socjeta` rikorrenti tinsisti li l-merkanzija importata minnha kienet skond il-ligi u kienet "chopped ham", kif dikjarat – infatti giet ipprezentata wkoll kopja ta` fattura datata 7 ta` Ottubru 1991[9] u mahruga minn Meatex, is-socjeta` Daniza minn fejn ir-rikorrenti xtrat il-prodott, fejn il-prodott in kwistjoni huwa fil-fatt deskritt bhala "chopped ham".

L-uniku xhud prodott mis-socjeta` rikorrenti in konnessjoni mal-vertenza odjerna kien id-direttur tas-socjeta` Joseph Ellul Sullivan. Fis-seduta tat-3 ta` Mejju 1996, dan xehed li s-socjeta` kienet ghamlet kollox skond il-ligi u li l-prodott importat kien "chopped ham" u li d-dazju dovut fuqu kien thallas. Xehed ukoll li kienu anke ttiehdu proceduri kriminali kontra s-socjeta` u din kienet giet illiberata mill-akkuzi peress illi l-perit nominat mill-Qorti, wara li ezamina kampjun minn din il-merkanzija, kien ikkonkluda li l-prodott seta' jikkwalifika bhala "chopped ham" billi dan kien maghmul minn diversi bicciet tal-perzut ippressat fil-laned.[10] L-istess xhud pero` ma pprezenta l-ebda dokumentazzjoni in sostenn ta` dak li jallega.

5.10 Fir-rigward tal-kundizzjoni imposta fuq il-merkanzija li l-oggetti jinbieghu "for catering use only", dan ix-xhud jelabora li din kienet tfisser li "l-merkanzija cioe` c-chopped ham trid tigi distribwita jew ahjar mibjugha lil

[8] fol 65
[9] fol 78
[10] fol 58

catering establishments bhal lukandi, restaurants u ohrajn."[11] Dan ix-xhud l-ewwel jghid li s-socjeta` ma kellhiex "records" tal-klijenti li xtraw dan il-prodott peress li s-socjeta` tipprocessa bosta "invoices" kuljum u dawn ma jinzammux aktar minn sentejn[12]. Inoltre, izid jghid li wara li kienet saret il-konfiska, d-Dwana qatt ma talbithom l-"invoices" relattivi ghall-kaxxi li kienu nbieghu. Jelabora li tali informazzjoni lanqas tirrizulta mir-Registri tal-kumpanija. Ftit wara, izda, fl-istess deposizzjoni, precizament wara li jixhed li l-kliem "for catering use only" kienet kundizzjoni generika applikabbli ghal importazzjoni ta' materja simili, jelabora wkoll li –

"Jiena jew ahjar is-socjeta` rikorrenti qaghdet attenta illi tbiegh dan ic-chopped ham lil catering establishments biex ma jkunx hemm ksur proprju ta` din il-kundizzjoni.

Ahna beghna dana c-chopped ham lil klijenti stabbiliti taghna cioe` klijenti li jiggestixxu catering establishments."[13]

5.11 Fil-fehma ta' din il-Qorti, ix-xiehda ta` Ellul Sullivan m'hijiex wahda konvincenti, u dan kif sewwa ssottometta l-appellant fir-rikors ta` appell tieghu. Minn ezami tad-dokumentazzjoni jirrizulta li l-elevazzjoni tal-merkanzija saret fl-4 ta` Novembru 1991 filwaqt li r-rikors li bih gew inizjati l-proceduri odjerni gie pprezentat fit-18 ta` Frar 1992, igifieri ftit tax-xhur biss wara l-konfiska. Ghalhekk huwa ferm inverosimili li s-socjeta` kienet se tiddisponi minn dokumetazzjoni tant relevanti ghad-difiza taghha fl-azzjoni intavolata in segwitu minnha stess, imqar jekk id-Dwana ma talbithiex tali informazzjoni. Inoltre, ghalkemm ix-xhud Ellul Sullivan jghid li l-merkanzija kienet inbieghet lil klijenti stabbiliti tal-kumpanija, hadd minn dawn ma gie prodott biex jikkonferma dan il-fatt u b'hekk jikkorobora d-difiza tas-socjeta` appellata.

5.12 Jirrizulta kwindi li l-unika prova migjuba mis-socjeta` rikorrenti in sostenn ta` l-argument taghha li l-prodott kien impurtat skond il-ligi peress li kien "chopped ham" hija l-

[11] fol 61
[12] fol 59
[13] fol 61

fattura markata Dok RC1, a fol. 78 tal-process, li fiha l-merkanzija hija deskritta bhala “chopped ham”. Imbaghad fir-rigward tal-kundizzjoni imposta fid-“duty entry”, li l-prodott ried jinbiegh “for catering uses only”, hemm biss ix-xiehda xejn konvincenti ta` Ellul Sullivan li jghid li huma kienu bieghu l-merkanzija lil klijenti stabbiliti taghhom f’dan is-settur. B’daqstant ma jidhirx li s-socjeta` rikorrenti rnexxielha tipprova dak impost fuqha mil-ligi biex tirnexxi l-azzjoni intentata minnha.

5.13 Fl-appell tieghu l-appellant jilmenta wkoll mis-segwenti aggravji –

i) li d-decizjoni ta` l-ewwel Qorti li huwa ma ppruvax li l-oggetti nbieghu fil-hwienet u mhux catering establishments mhix korretta - huwa kien irnexxielu jipprova dan;

ii) li l-kumment ta` l-ewwel Qorti li ma ngiebitx prova li l-kampjun li fuqu saru t-testijiet kien l-istess wiehed elevat mid-Dwana, donnu juri li dik il-Qorti kienet qed tistenna l-grad ta` prova rikjest fi proceduri kriminali;

iii) li l-ewwel Qorti l-ewwel iccitat ix-xiehda ta` John Muscat u mbaghad qalet li dan ma kienx tressaq jixhed, liema zball incida fuq id-decizjoni finali ta` l-ewwel Qorti.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghandu ragun l-appellant meta jilmenta li l-ewwel Qorti l-ewwel irriferiet ghax-xiehda moghtija minn John Muscat mbaghad qalet li dan ma tressaqx jixhed. Ghalkemm dan huwa zball manifest ma jistax jinghad li kien proprju dan l-izball li wassal lil ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha li tordna r-rilaxx tal-merkanzija. Dak li invece wassal lil Qorti ghal dik id-decizjoni kienet l-interpretazzjoni li hija taghat lill-Artikolu 77 tal-Kap. 37.

5.14 Il-Kontrollur tad-Dwana min-naha tieghu pproduca ufficjali mid-Dipartiment ta` l-Agrikoltura u lil Joseph Pirotta, li kien inkarigat mil-licenzji ta` importazzjoni dak iz-zmien, biex jixhdu dwar il-fatti li taw lok ghad-decizjoni li tigi konfiskata l-merkanzija wara li din kienet diga` giet rilaxxjata. Mix-xiehda ta` Franco Serracino Inglott, id-

Direttur ta` l-Agrikoltura, dik ta` Dr. Anthony Gruppetta, Ufficjal Veterinarju mad-Dipartiment ta` l-Ikel, Agrikoltura u Sajd, li flimkien ma` ta` l-ewwel kien ghamel it-testijiet fuq il-kampjun tal-prodotti, u dik ta` John Muscat, jirrizulta li dan Muscat, direttur tas-socjeta` Prime Bacon Ltd, kien ha kampjun id-Dipartiment u talab li jigi analizzat ghaliex sostna li dan kien perzut, u li ghalhekk ma setax jinbiegh fuq is-suq lokali. Franco Serracino Inglott xehed li mill-analizi rrizulta li l-kampjun ma kienx jikkwalifika bhala "chopped ham" skond il-Codex Alimentarius tal-WHO u l-FAO[14].

5.15 Dr. Anthony Gruppetta min-naha tieghu jikkonferma dan u jzid li minn ispezzjoni tal-kampjun,

"Kien jidher car li d-daqs tal-bicciet tal-muskolu kienu tant kbar li kien johrog barra minn kwalsiasi definizzjoni ta` chopped ham u kien jaqa` f'kategorija ohra bhalma hi pressed ham[15]." Inoltre jispjega li id-Dipartiment jikkategorizza l-prodotti billi dejjem jirreferi ghall-Codex Alimentarius tal-WHO u l-FAO u jzid –

"Ghaldaqstant dan il-prodott peress li kien jidhol f'wahda mill-kategoriji tal-perzut, ma setghax jigi impurtat f'Malta dak iz-zmien."

Ix-xhud jispjega li kien ghalhekk li talbu li d-Dwana tiehu l-passi necessarji ghaliex il-prodott ma kienx skond kif iddikjarat fuq il-"customs entry" - kien "pressed ham" u mhux "chopped ham". Jghid li b'hekk talbu lid-Dwana biex "tressqilna kampjun iehor ufficjalment ta` hames laned sabiex l-ewwel ezami li kien sar fuq il-kampjun migjub mis-Sur Muscat jerga jsir fuq kampjuni ohra li jaslu ghandna fl-istat originali."[16] Jikkonferma li r-rizultat ta` dan l-ezami kien ikkonferma r-rizultanzi ta` l-ewwel ezami.

5.16 Din l-istess xiehda tinsab ukoll ikkonfermata minn Joseph Pirotta, li dak iz-zmien kien Principal fl-istess

[14] fol 89-90
[15] fol 102
[16] fol 103

Dipartiment u li fost ohrajn kien inkarigat mil-licenzji ta` l-importazzjoni,[17] Dan jghid li certu John Muscat kien ilmenta maghhom li fis-suq Malti hemm perzut impurtat li ma kienx "chopped" u li kien qed jinbiegh fil-hwienet u li hu kien lest johdilhom anke kampjun tieghu, u fil-fatt hadilhom landa minnu. Jispjega li mill-investigazzjonijiet li kienu ghamlu, sabu li s-socjeta` rikorrenti kienet fil-fatt impurtatu. In segwitu huma kkomunikaw mad-Dwana li ghaddietilhom kampjun formali mill-istess kunsinna li ngabar minghand l-impurtatur. Meta r-rizultati qablu u rrizulta li l-prodott ma kienx "chopped ham", huwa allura ordna l-konfiska tal-merkanzija in kwistjoni.

5.17 Ghalkemm, kif sewwa kkummentat l-ewwel Qorti, ir-rizultati ta` dawn l-ezamijiet ma gewx esebiti, ix-xhieda kollha jaqblu li kien irrizulta li l-prodott ma kienx "chopped ham" – kif invece gie ddikjarat fid-duty entry, u kwindi dan kien ifisser li ma kienx kopert bil-licenzja u ma dahalx Malta legalment. Jirrizulta wkoll minn tali xiehda li l-ezami ma sarx biss fuq il-kampjun migjub minn Muscat, izda ukoll fuq kampjun ufficjali li ufficjali tad-Dwana kienu elevaw minghand is-socjeta` impurtatrici. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mix-xiehda ta` Joseph Ellul Sullivan stess, li fil-kontro-ezami xehed li xi jumejn qabel il-konfiska kienu gew xi nies tad-Dwana biex jelevaw kampjun u wara gew u kkonfiskaw l-24 kaxxa li kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta` rikorrenti. B'hekk jirrizulta ppruvat li kien ittiehed kampjun ufficjali mill-merkanzija fil-pussess tas-socjeta` rikorrenti. Izda kif korrettement ddecidiet l-ewwel Qorti, l-appellant ma gabx provi biex jipprova l-eccezzjoni tieghu li l-prodott kien qed jinbiegh fil-hwienet konformement mal-kundizzjoni imposta fuq l-importatur fid-"duty entry". Huwa veru li John Muscat ittella' jixhed quddiem l-ewwel Qorti izda dan ma semmiex minn fejn kien gab dan il-kampjun u lanqas li l-prodott kien qed jinbiegh fil-hwienet. Kienu x-xhieda l-ohra li qalu li John Muscat qalilhom li tali prodott kien qed jinbiegh fil-hwienet u kif sewwa qalet l-ewwel Qorti din ma kinitx tikkostitwixxi l-ahjar prova ghaliex hija <u>hearsay</u>. Dan in-nuqqas ta` l-appellant, pero`, xorta wahda ma kienx jiggustifika d-decizjoni milhuqa mill-

[17] fol 104

ewwel Qorti ghaliex it-talba tar-rikorrenti nomine ghar-rilaxx tal-merkanzija setghet tintlaqa` biss kemm-il darba s-socjeta` importatrici stess tipprova li l-merkanzija dahlet Malta legalment, kif impost fuqha mill-Artikolu 77 tal-Kap. 37. Din il-prova s-socjeta` rikorrenti ma ghamlithiex. Anzi mill-provi prodotti mill-intimat, appellant odjern, jirrizulta li l-merkanzija ma kinitx "chopped ham" izda "pressed ham" u ghalhekk ma setghetx tigi impurtata lokalment.

5.18 Dwar dak li gie ulterjorment sottomess mill-appellant fis-sens li meta jkun hemm differenzi bejn l-impurtatur u d-Dwana dwar l-evalwazzjoni teknika jew xjentifika ta` prodott, il-Qorti tista` tordna r-rilaxx biss meta jkun ppruvat li d-Dwana kienet manifestament zbaljata fid-decizjoni teknika taghha, din il-Qorti jidhrilha li tali sottomissjoni hija wahda korretta. Fil-kawza fl-ismijiet "Charles sive Carmelo Ellul Sullivan noe v. Kontrollur tad-Dwana"[18], il-Qorti ta' l-Appell ghamlet taghha dak li kienet iddecidiet l-ewwel Qorti billi irriaffermat li –

…"l-Qorti ghandha tezamina l-accertamenti teknici maghmula mill-konvenut u tannullahom biss jekk jirrizultalha li dawn kienu manifestament zbaljati u cioe` li l-ebda awtorita` amministrattiva ragonevoli ma setghet tasal ghal dawk l-accertamenti. Inkella l-Qorti tkun qed tusurpa l-funzjoni tal-awtorita` amministrattiva u ma tkunx semplicement qed taghmel stharrig gudizzjarju."

5.19 Finalment jonqos li jigu investiti l-ahhar zewg ilmenti ta` l-appellant, jigifieri l-lanjanza rigwardanti n-nota ta` qbid u dik dwar il-proceduri ghal rifuzjoni tal-valur tal-merkanzija fi flus.

L-ewwel Qorti kienet iddecidiet illi "Nota ta` Qbid li tindika 600 kartuna (korrezzjoni – 900) hija manifestament zbaljata, kif di piu` jirrizulta mid-dokumenti gia` fuq citat (sic) esebit bhala Dok FGC 1 li jikkonferma li fil-fatt kull ma nqabdu mill-istess intimat kienu proprju 24 kaxxa biss. Dan fil-fatt gie rilevat mill-istess rikorrenti u taht dan l-aspett jidher li ghandu ragun, peress li mhux minnu li inqabdu l-kwantita` ta` "cartons" indikati fl-istess Nota ta`

[18] deciza 24/9/2004 cit nru – 1210/1995

Qbid u ghalhekk fir-rigward tal-kartun in eccess ta' l-ammont effettivament maqbud mill-intimat, tali Nota ta` Qbid hija nulla u bla effett, stante li l-intimat qatt ma gie u qatt ma ha pussess ta` l-istess cartons." L-appellant ma jaqbilx ma` dan u jghid li "billi kien hemm riduzzjoni tat-talba min-naha tar-rikorrent, ma jfissirx li n-nota ta` qbid harget hazin. Ifisser biss li r-rikorrent ma jistax jitlob lura dak li fil-fatt ma nqabadx." Hawnhekk ukoll l-appellant ghandu ragun – ghaliex darba li jigi deciz mid-Dipartiment li l-merkanzija dahlet irregolarment u mhux skond il-ligi, tali decizjoni tkun tolqot il-merkanzija kollha, u mhux biss parti minnha, u dan indipendentement mill-fatt li kienu inqabdu biss 24 carton, stante li l-kumplament kien diga` gie mibjugh. Id-Dwana taqbad il-merkanzija kollha dikjarata fid-dokumenti ta` importazzjoni ghaliex dak li rrizulta mill-ezamijiet maghmula rrizulta fil-konfront tal-merkanzija kollha u mhux biss ta' parti minnha.

5.20 L-appellant jissottometti wkoll li quddiem l-ewwel Qorti huwa kien qajjem il-punt li diga` kienu gew istitwiti mir-rikorrent nomine appellat odjern kontra tieghu. Dawn kienu jikkonsistu fi proceduri ohra ghar-rifuzjoni, fi flus, ta' l-oggetti mertu tal-kawza u li ghalhekk f'kaz li dawn it-talbiet jintlaqghu t-tnejn, huwa kien se jirrepeti r-rilaxx darbtejn. Dawn il-proceduri jsostni l-appellant kienu issa gew decizi favur tieghu. Fil-fatt jirrizulta li l-proceduri msemmija mill-appellant gew terminati b'decizjoni tal-14 ta` Dicembru 2001 izda l-mertu baqa' ma giex deciz peress li l-Qorti cahdet it-talbiet tas-socjeta` impurtatrici a bazi tal-fatt li dawk il-proceduri kienu saru hazin u mhux skond id-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza tad-Dwana.

5.21 Ghalhekk jirrizulta li, ghalkemm l-appellat nomine kien konsapevoli tar-raguni li fuqha kienet inharget in-nota ta` qbid huwa ma gab l-ebda prova sodisfacenti biex jipprova li tali merkanzija dahlet Malta legalment u ma ppruvax lanqas li dak li hemm dikjarat fid-dokumenti relattivi ghall-importazzjoni kien jirrifletti dak li realment gie impurtat minnu. B'hekk, it-talba ta' l-appellat ghar-rilaxx tal-merkanzija ghandha tigi michuda u s-sentenza ta` l-ewwel Qorti riformata, bl-akkoljiment ta' l-aggravji ta' l-intimat appellant.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa’ l-appell ta’ l-intimat appellant Kontrollur tad-Dwana, tirrevoka s-sentenza appellata u tichad ghalhekk it-talba originali tar-rikorrent ghar-rilaxx tal-merkanzija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------